MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2006

Numru 866/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa)**
**vs**
**Husien Ali Ahmed Gaib**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Husien Ali Ahmed Gaib** ta' 33 sena, bin Ali u Mabrouka nee' Ambrek, imwieled Tripoli, Libja fit-18 ta' Marzu, 1973, residenti f' Alhdbaalkadra gewwa l-Libja u detentur tal-passaport Libjan bin-numru 110333/2006.

Billi fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT huwa akkuzat;

Talli fil-15 t'Awissu, 2006 mal-wasla tieghu gewwa l-Ajruport Internazzjoni ta' Malta, mat-titjira LN144 minn Tripoli, xjentement naqas li jiddikjara lill-ufficjali tad-

Dwana, billi ghadda mill-*Green Channel* b'mitejn u ghaxar [210] pakketti sigaretti, b'ghoxrin [20] sigarett kull pakkett, tal-marka *CAPITAL;*

Dawn is-sigaretti ghandhom valur, Dazju tas-Sisa, Dazju ta' l-Importazzjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal Lm210.00, Lm197.97, Lm120.96 u Lm95.21 rispettivament, liema dazji/taxxa ma kienux imhallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur ta' l-artikoli 60 (a)(b)(c)(k), 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u l-paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u l-Artikoli 16 (l)(j), u 17(a) ta' l-Att XVI ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa, kif ukoll bi ksur ta' l-Avviz Legali numru 44/82 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, huwa aktar akkuzat;

Talli fit-22 ta' Frar, 2006, mal-wasla tieghu gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, mat-titjira KM697 minn Tripoli, xjentement, naqas li jiddikjara lill-Ufficjali tad-Dwana, billi ghadda mill-*Green Channel,* b'container tal-plastik li kien fih elf [1,000] *ANABOL TABLETS,* li l-importazzjoni taghhom hija ristretta.

Dawn ghandhom valur totali ta' Lm88.00,0 u l-ebda Dazju.

Dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(h), 62(i) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 u ta' l-Avviz Legali 44/82 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-letters to prosecute tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kumissarju tal-Vat;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-Kawza;

Fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 60 (a) (b) (c) (k), 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) u para (a) Proviso Art 62 Kap 37, 16 (1) (j) u 17 (a) Att XVI 1995, AL 44/82, 60 (h), 62 Kap 37 u AL 44/82, 80 Att XXIII tal-1998

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' jum mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9.

Inoltre qed tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' Lm1242 fuq l-ewwel akkuza mil-liema multa l-ammont ta' Lm319 ghandha titqies bhala dejn civili favur id-Dipartiment tad-Dwana u Lm95 favur id-Dipartiment tal-VAT rapprezentanti terz tal-multa, oltre multa ta' Lm250 fuq it-tieni akkuza li minnha Lm83 ghandha titqies bhala dejn civili favur id-Dipartiment tad-Dwana;

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll id-distruzzjoni tal-Anabol Tablets.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------